MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 409/2009

**Il-Pulizija**
**(spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Keith Cremona**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant u persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-

1. fil-21 ta' Novembru, 2007, ghall-habta tas-6:20p.m, gewwa banka tal-lottu numru 33 (agency No.102041) fi Pjazza tal-Lunzjata, Sliema, kkomettew serq ta' flus, mobile phone tal-marka Motorola w xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija, w disa w ghoxrin Euro w seba' w tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta' Girolama Bonnici u/jew persuni ohra;

2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Girolama Bonnici kontra l-volonta’ taghha;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew f’xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att.

Lill-Keith Cremona wahdu akkuzat talli:

5. fil-21 ta’ Novembru, 2007, ghall-habta tad-9:00 pm, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana, halef il-falz quddiem ufficjal (Dr.Anthony Cutajar LL.D) li kellu s-setgha b’ligi li jaghti gurament;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi w/jew wara l-istess data w hin, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
7. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa gia’ gie misjub hati permezz ta’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma setghux jigu mibdula.
8. kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza datata 7 ta’ Dicembru, 2006 fejn l-istess Keith Cremona kien misjub hati ta’ reat ta’ ricettazzjoni w kien gie liberat bil-kundizzjonijiet li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 t’Ottubru, 2009, li biha, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet relattivi ghar-reati kontemplati fl-artikoli 49, 50, 249(1), 249(2), 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-

artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta w illiberatu minnhom, sabitu hati tar-reati l-ohra kollha w cioe' dawk kontemplati fl-artikoli 86 u 87(1)(e), 108(a), 109, 110(2), 261(a)(b), 262(1)(b), 263(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta w ikkundannatu sitta w ghoxrin (26) xahar prigunerija w b'applikazzjoni ta' l-artikolu 109 tal-Kap. 9, applikat fil-kontront tal-appellant l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja w bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' tmien snin.
Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannatu biex fi zmien sitt xhur ihallas is-somma ta' €413.30 rapprezentanti nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie misjub mhux hati ghar-reati kontemplati fl-artikoli 49, 50, 249(1), 249(2), 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta w minnhom gie liberat filwaqt li thassar dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 86, 87(1)(e), 108(a), 109, 110(2), 261(a)(b), 263(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta w gie kkundannat ghall-sitta w ghoxrin (26) xahar prigunerija w gie interdett b'mod generali ghal zmien tmien snin u minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu, fis-segwenti :-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-Ligi meta accetat bhala provi ammissibbli d-

deposizzjonijiet moghtija fil-kors tal-inkjesta Magisterjali [ta' Robert Cuschieri, Girolama Bonnici, Saviour Attard u l-appellant] quddiem perit legali li kull ma ghamel kien li gabar ix-xhieda bil-gurament biss. Skond id-dispost tat-tielet proviso tal-artikolu 548 tal-Kap. 9 **"..... ebda espert ma ghandu jinhatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti relevanti"** Ghalhekk jidher car illi l-inkarigu moghti lill-perit legali Dr. Anthony Cutajar fl-inkjesta ta' dan il-kaz kien wiehed li jmur dijametrikament kontra l-artikolu precitat u per konsegwenza dan l-istat ta' fatt jirrendi innammissibbli fl-intier taghha ir-relazzjoni ta' l-istess espert. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq ix-xhieda migbura b'dan il-mod u dan kemm ghall-finijiet ta' apprezzament ta' fatti dwar id-dinamika tal-incident ta' serq kif ukoll sabiex jigi stabbilit jew le jekk effettivament l-appellant kienx ikkommetta spegur;

2. Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex il-kaz kollu [kemm dwar l-akkuzi naxxenti mill-fatti tal-allegata serqa kif ukoll dwar dik ta' gurament falz u holqien ta' reat] kien interament ibbazzat fuq provi indizzjarji li ma kienux inekwivoci izda anzi kienu ekwivoci ghall-ahhar u per tant l-Ewwel Qorti ma setghet strahet qatt fuq tali indizzji minghajr sostenn ta' provi ohra li jeskludu kull dubbju dwar kif tali indizzji kellhom jigu apprezzati w interpretati w dan kif ser jigi amplifikat fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell;

3. Illi l-kwalifika tal-vjolenza ghall-akkuza ta' serq ma gietx debitament ippruvata. Jekk wiehed joqghod biss fuq ix-xhieda tad-derubata jirrizulta skond din illi halliel wiehed biss ipprezenta ruhu quddiemha w mhux izjed minn tnejn, ghalhekk din il-kwalifika neccessarjament giet imsejjsa fuq il-fatt illi l-malvivent ipprezenta ruhu armat. Pero' kif gja inghad qabel mill-provi mressqa jidher illi setgha kein hemm tlett persuni involuti f'din is-serqa [inkluz dik li skond il-xhud Cuschieri kien il-persuna li suppost saqet il-vettura]. Ghalhekk kif jista' wiehed jikkonkludi illi l-appellant kien il-persuna li pprezentat ruhha armata?

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, kif jirrizultaw mill-provi traskritti, huma s-segwenti:-
Fil-21 ta' Novembru, 2007, kien sar *hold-up* fil-banka tal-Lottu fi Pjazza Annunzjata, f' tas-Sliema. Waqt li Girolama Bonnici kienet fil-banka ghall-habta tas-6.15 pm, dahlet persuna b' wiccha mghammad, li ppuntatilha arma tan-nar f' wiccha w, minghajr kliem, hatfet il-basket li kien hemm fuq mejda w harget tigri 'l barra. Bonnici bdiet tghajjat u certu Robert Cuschieri hareg mill-kazin adjacenti ghall-banka u telaq jigri fid-direzzjoni ta' fejn kienu harbu l-hallelin li kienu tnejn. Wiehed minn dawn f' idejh kellu *handbag* u arma tan-nar. Cuschieri qal li semaghhom jghidu: *"Ejja startja ghax jiehdu n-numru"* u fil-waqt li dawn dahlu f' vettura numru FAS 463, wiehed quddiem fis-seat tal-passiggier u l-iehor fuq wara w telqu minn hemm. Wara rrizulta li din il-vettura kienet registrata f' isem Saviour Attard li jigi n-nannu tal-appellant Cremona (ara depozizzjoni ta' Brian Farrugia r-rapprezentant tal-ADT a fol. 186) w li kienet ilha xi ftit xhur fil-pussess tal-istess appellant kif xehed l-istess Saviour Attard u kif del resto jaccetta l-istess appellant fl-istqarriji tieghu lil Pulizija. Sussegwentement meta l-appellant kien gie interrogat mill-Pulizija, hu qal li l-karozza kienet giet misruqa w li l-ahhar darba li kien raha kien dak in-nhar tal-*hold-up* ghall-habta tas-2.30pm.

L-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghal uhud mill-imputazzjonijiet ghab-bazi tal-provi indizjarji w anki minhabba l-inkonsistenzi fl-istqarrijiet li l-appellant ghamel mal-Pulizija.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-inammissibilita' tal-provi migbura mill-Avukat Dr. Anthony Cutajar li kien gie nominat bhala espert biex jisma l-provi mill-Magistrat Inkwirenti. Dan l-aggravvju gja tqajjem f' forma ta' linja difensjonali quddiem l-Ewwel Qorti w gie trattat fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti regghet ezaminat din il-kwistjoni *"funditus"* u rrizultalha li l-Magistrat Dr. Edwina Grima li kienet ikkonduciet l-Inkjesta Magisterjali dwar il-kaz kienet b' Digriet taghha tal-21 ta' Novembru, 2007 (fol. 36 tal-process u fol.13 tal-process verbal) innominat lil Dr. Anthony Cutajar ***"bhala perit legali sabiex jindaga dwar il-kaz, <u>jaghmel stimi relattivi,</u> jisma x-xhieda bil-gurament u wara jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi"*** (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti).

Ghalhekk mhux korrett l-appellant meta jghid li Dr. Cutajar kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti biex jisma' l-provi biss, ghax kellu ukoll l-inkarigu li jaghmel l-istimi relattivi w s' intendi biex jespleta dan l-inkarku kellu bil-fors jisma' l-provi bil-gurament. Ghalhekk ma jistax jinghid li d-Digriet tan-nomina ta' Dr. Cutajar kien bi ksur tad-dispozizzjoni tal-artikolu 548 tal-Kap.9.

Illli hu minnu li l-proviso ta' dan l-artikolu jiddisponi li:-

*"…..ebda espert ma ghandu jinhatar* ***<u>biss</u>*** *sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti rilevanti."* (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti)

Pero' f' dan il-kaz Dr. Cutajar ma nhatarx biss ghallhekk izda kellu ukoll l-inkariku li jaghmel l-istimi relattivi. Ghalhekk in-nomina tieghu kienet perfettament *in ordine* w kwindi r-relazzjoni tieghu kienet certament ammissibbli bhala prova fil-process verbal tal-"*in genere".*

Din il-Qorti umbaghad ma tistax hlief tikkummenta sfavorevolment fuq din il-linja difensjionali meta - kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti - kienet l-istess difiza tal-appellant li, wara li l-Ewwel Qorti **<u>BI QBIL BEJN IL-PARTIJIET</u>** ikkonfermat lill-esperti li kienu gew nominati fl-inkjesta, ivverbalizzat li kienet sahansitra qed "**<u>tezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga' tressaq bhala xhieda f' dawn il-proceduri lill-persuni li kienu taw ix-xiehda taghhom fil-Process Verbal esebit</u>**." (fols.90-91 tal-process) (emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Mhux hekk biss; imma, sahansitra fi stadju inoltrat tal-kumpilazzjoni, wara li f’ rinviju l-Avukat Generali kien talab lill-Qorti tal-Magistrati biex tisma’ lill-Avukat Anthony Cutajar u lil Joseph Zammit biex jikkonfermaw ir-rapport taghhom debitament esebit fil-Process Verbal ta’ dan il-kaz (fol. 175), id-difiza, b’ verbal iehor registrat fl-udjenza tal-15 ta’ Settembru, 2008 (fol. 176 tal-process), ezentat lill-Prosekuzzjoni mill-konferma ulterjuri b’ gurament tar-rapporti tal-istess zewg xhieda esperti.

Dan l-atteggjament tad-difiza, apparti li hu manifestament kontradittorju, jirrazenta kondotta zlejali lejn il-Qorti u lejn id-debita amministrazzjoni tal-gustizzja w ma jistax hlief jigi censurat.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta accettat bhala ammissibbli bhala prova dawk l-atti tal-Process Verbal li jikkonsistu fir-relazzjoni ta’ Dr. Cutajar, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xhieda minnu esebiti li fuqhom wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu, kif kien awtorizzat li jaghmel in forza tad-Digriet tan-nomina tieghu, u kif sussegwentement sanzjonat mill-istess difiza kif ukoll li ma tergax tisma’x-xhieda hekk migbura bil-kunsens u adezjoni tal-istess difiza.

Ergo dan l-ewwel aggravju qed jigi michud bhala infondat u manifestament fieragh.

Ikkonsidrat;

It-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti

kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94]; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Proprju ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit biex tara jekk il-konkluzzjoni ta' htija tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-appellant kienetx wahda *"safe and satisfactory".*

L-appellant jissottometti li l-provi indizjarji li bbazat fuqhom l-Ewwel Qorti kienu ekwivoci w mhux univoci w ghalhekk qatt ma suppost wasslu ghad-dikjarazzjoni ta' htija kif sar.

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza motivata w dettaljata taghha waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant Cremona kien involut fis-serqa ghal diversi ragunijiet minnha hemm elenkati. U din il-Qorti ma tarax li tali motivazzjoni ghandha tigi skartata leggerment. Illi x-xhud Robert Cuschieri li gera' wara z-zewg hallelin bejn il-banka tal-Lottu w l-karozza li dahlu fiha, kien kategoriku dwar in-numru tal-istess vettura u cioe' FAS 463. Hu minnu li ha zball fl-ghamla tal-karozza izda dwar in-numru kien cert. Dan wassal biex jigi identifikat sid il-vettura bhala n-nannu tal-appellant li, a sua volta, xehed li kien ta l-karozza lill-appellant xhur qabel. Dan kien jorbot lill-appellant mal-akkadut b' mod li kien jirrinfaccjah *"with a case to answer"* u jispjega – ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta' kif il-karozza li kienet fil-pussess tieghu serviet bhala l-*"getaway car".* Hu minnu li f' certi okkazzjonijiet meta gie interrogat mill-Pulizija kemm verbalment jew fi stqarrijiet l-appellant – kif kellu kull dritt - irrifjuta li jirrispondi ghad-domandi li sarulu, pero' kien hemm okkazzjonijiet fejn tkellem u allega li l-karozza kienet insterqitlu. Tali spjegazzjoni allura tkun soggetta ghall-iskrutinju tal-

gudikant biex jivvaluta l-kredibilita' tal-appellant u jara jekk l-ispjegazzjoni li johrog biha tkunx tista' tigi accettata anki biss fuq bazi ta' probabbilita'.

Hu stramb u inverosimili ferm ghala, jekk verament kienet insterqitlu l-karozza, hu baqa' qatt ma ghamel rapport formali dwar dan mal-Pulizija kif hu mistenni li jaghmel kull bniedem normali li tinsteraqlu karozza!

Il-karozza ma kellha ebda sinjali ta' sgass skond l-espert Joseph Zammit u l-*wires* tal-i*gnition* ma kienux gew *"shorted"* biex il-karozza titqabbad minghajr il-htiega tal-uzu tal-*ignition key.* U ghalkemm il-hgiega tan-naha tax-xufier kienet instabet miksura, rrizulta mid-depozizzjoni tan-nanna tal-appellant, Doris Cachia, (Fol. 230) li din il-hgiega kienet ilha mkissra tant li hi kienet tghid lill-appellant biex jaghmillha bicca *plastic* imma qatt ma ghamilhielha.

Hu minnu li din ix-xhud qalet ukoll li l-appellant kien ihalli c-cavetta taht it-tapit tal-karozza, pero' dan hu ferm inverosimili ghax min ikollu l-hgiega tal-karozza mkissra mhux mistenni li jkompli jaggrava s-sitwazzjoni billi jhalli c-cavetta tal-*ignition* fil-car.

Din ix-xhud ghall-ewwel ipprovat tati *alibi* lill-appellant billi bdiet biex qalet li dak in-nhar tal-21 ta' Novembru, 2007, l-appellant kien qatta' l-gurnata kollha d-dar taghha fejn kien jghix. Pero', aktar 'l isfel fix-xiehda taghha (fol. 230) ikkoncediet li jista' jkun li hareg matul il-gurnata w li ghalkemm iqatta' sieghat shah fuq il-komputer, pero' gieli johrog.

L-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tigbed inferenzi kontra l-appellant mill-mod kif gab ruhu w kif irrisponda ghal certi domandi li sarulu mill-Ispettur Mercieca. Jekk hu stess kien il-vittma tas-serq tal-karozza tieghu – u cioe' l-unika spjegazzjoni ghal-fatt li din intuzat ghall-harba tal-hallelin – ghaliex meta ghazel li jirrispondi, rrisponda bl-aktar mod evaziv ? Certament li l-atteggjament tieghu ma kienx wiehed kompatibbli ma ta' vittma genwina ta' reat.

Hemm umbaghad prova indizjarja ohra importanti w cioe' il-kliem li sema' x-xhud Cuschieri meta l-hallelin kienu dehlin fil-karozza qabel ma harbu minn fuq il-post u cioe' meta wiehed minnhom instema' jghid :- ***"Ejja startja ghax jiehdu n-numru!"*** Issa, ghalkemm hu risaput li f' hafna serqiet tintuza vettura misruqa biex il-halliel jew hallelin jaharbu minn fuq ix-xena tad-delitt, meta jsir hekk, dan proprju jsir biex, anki jekk jittiehed in-numru tal-karozza minn xi xhud jew mill-vittma, dan bl-ebda mod ma jwassal biex jigu rintraccjati huma, <u>ghax ma jkun hemm ebda ness</u> bejnhom u l-vettura hekk uzata. *Arguendo a contrario sensu*, l-fatt li wiehed mill-hallelin lissen dawk il-kliem juri li f' dan il-kaz huwa kien konsapevoli li l-identifikazzjoni tan-numru tal-karozza seta' jwassal biex jigu rintraccati billi jigi identifikat is-sid tal-vettura w – tramite s-sid - f' dal-kaz jigi wkoll identifikat il-possessur attwali taghha. Kieku dan ma kienx il-kaz dan il-kliem ma kienx ikollu sens.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u dawk l-ohra li ghamlet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma thoss li ghandha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti ghar-rigward tas-sejbien ta' htija ghall-involviment tal-appellant fis-serqa.

Ladarba l-Ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni kien isegwi logikament u necessarjament li allura, meta hu halef quddiem l-Avukat Cutajar fl-inkjesta li l-karozza kienet insterqitlu w meta qal lill-Pulizija b' dan, kien jirrendi ruhu ukoll hati tal-akkuzi taht il-hames u s-sitt imputazzjonijiet. Din il-Qorti wkoll ma tarax li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament tal-fatti.   Dana pero' bir-rizervi li gejjin.

Kif irrizulta kien hemm tlitt minn-nies involuti; wiehed li attwalment dahal fil-banka tal-lottu u hataf il-basket tad-derubata, iehor li jidher li kien barra l-banka w l-iehor li qaghad jistennihom fil-karozza li kienu ser jaharbu biha, fi triq ohra wara l-kantuniera. Illi anki jekk wiehed jikkonkludi, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, li l-appellant kien wiehed minn dawn it-tlieta, ladarba r-rwol ta' kull wiehed mill-hallelin ma giex stabbilit u ladarba l-awtur li fizikament ghamel is-serqa mhux identifikat, l-appellant,

ghall-massimu, jista’ biss jinstab hati ta’ komplicita’ fis-serqa w minghajr il-kwalifiki lilu attribwiti kif ser jinghid.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-kwalifika tal-vjolenza, rrizulta mix-xiehda ta’ Girolama Bonnici li kienet persuna wahda armata li dahlet fuqha. Mix-xiehda ta’ Cuschieri mbaghad jirrizulta li hu gera wara zewg persuni. *Impliciter* umbaghad jirrizulta wkoll li ladarba wiehed mill-hallelin dahal fil-*“front passenger seat”* u l-iehor rikeb wara bil-fors kien hemm terza persuna tagixxi bhala driver li kienet komplici fir-reat biex il-karozza instaqet minn fuq il-post.

Issa huwa minnu li la din it-terza persuna ma pprezentatx ruha fuq il-post tas-serqa ghax kienet go karozza ipparkjata sew il boghod mix-xena tad-delitt, allura ma jistax ikun hemm il-kwalifika tal-vjolenza bazata fuq it-tieni ipotesi kompriza fl-artikolu 262 (1) (b). Pero’ xorta wahda una volta li jirrizulta li anki wiehed mill-hallelin ikun ipprezenta ruhu armat, kull min ikun komplici fis-serqa,inkluz min kien qed jistenna fil-*getaway car*, jista’ jinstab hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza skond l-ewwel ipotesi kontenuta fl-imsemmi sub-inciz, jekk jirrizultaw l-elementi rikjesti biex tissussisti l-komplicita’ fl-istess reat.

Illi indubbjament min dahal u hataf il-basket kien armat w ghalhekk min jirrizulta li b’ kull mod, kien komplici mieghu w kien jaf kif qed jagixxi w ma ghamel xejn biex izommu, jestendu w huma komunikabbli ghalih ic-cirkostanzi aggravanti personali li jirrendu l-attur hati tar-reat. Dan skond l-artikolu 45 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi li meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f’ delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt hu imputabbli mhux biss lill-persuna li taghmel l-att izda ukoll lil min kien jaf bl-att minn qabel ma sar u lil min, ghad li kien jaf bl-att fil-waqt li kien qed isir, hallieh isir ghad li seta’ jimpedieh.

Issa , *dato e concesso* li l-appellant kien wiehed mit-tlitt persuni li jirrizultaw kienu nvoluti f’ din l-operazzjoni kriminuza, w li barra l-wiehed li dahal armat, kien hemm wiehed li qaghad barra fit-triq u iehor li qaghad jistenna fil-karozza f’ distanza konsiderevoli mix-xena tar-reat, il-provi ma jwasslux sal-grad li jista’ jigi determinat bla dubju dettat mir-raguni x’ kienet il-partecipazzjoni ta’ kull wiehed minnhom u fejn kien ippustjat kull wiehed minnhom waqt is-serqa. Ghalhekk mhux eskluz li l-appellant – bhala l-pussessur tal-*getaway car* u li probabbilment kien hu li qed isuqha – seta’ kien hu t-terza persuna li kienet fil-car waqt li t-tnejn l-ohra kienu marru fuq il-post tad-delitt u li hu qaghad jistennihom fil-car. Ladarba ma hux pruvat li kien jaf minn qabel li fis-serqa ser tintwera arma zgur li umbaghad ma jistax jirrizulta li sar jaf  b’ dan waqt is-serqa w li seta’ jempidixxi l-uzu tal-arma meta seta’ kien daqstant boghod mix-xena tad-delitt. Ghalhekk din il-kwalifika tal-vjolenza ma tirrizultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, anki jekk l-appellant jirrizulta li kien komplici fis-serqa.

Konsegwentment, dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Mhux biss; izda bl-istess ragunament, l-appelllant ma jistax jinstab hati tar-reat ta’ sekwestru tal-persuna skond it-tieni imputazzjoni w tat-tielet imputazzjoni dwar l-uzu ta’ arma waqt il-kommissjoni tar-reat tas-serq, kif ukoll tal-kwalifika tal-mezz fir-reat tas-serq.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi:-
1. **<u>tirrevokaha</u>** fejn sabet lill-appellant hati tar-reat ta’sekwestru tal-persuna skond it-tieni imputazzjoni w tar-reat taht it-tielet imputazzjoni ta’ uzu ta’ arma waqt il-kommissjoni ta’ delitt  w fejn sabet lill-appellant hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza w bil-mezz a tenur tal-artikoli 261(a)(b), 262 (1) (b) u 263 (b) tal-Kodici Kriminali w minnflok issibu hati ta’ komplicita’ f’ serq semplici a tenur tal-artikolu 42 u 284 u 285 tal-Kodici Kriminali w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ sitta w ghoxrin xahar prigunerija;  w

2. **tikkonfermaha** fil-kumplament u cioe' fejn ma sabitx lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni, tar-reati skond l-artikolu 249 (1) u (2) u tal-addebitu tar-recidiva w fejn sabet lill-appellant hati tar-reati komprizi fil-hames u s-sitt imputazzjoni w li kiser il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b' sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2006, kif ukoll fejn applikat il-piena ta' interdizzjoni generali kif ukoll milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-gustizzja w bhala perit, f' kull kaz li jkun, ghal periodu ta' tmin snin;

u, ghar-reati li issa qed jinstab hati taghhom, qed jigi kundannat ghall-piena komplessiva ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija skond l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali oltre l-interdizzjoni generali ghal tmin (8) snin fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------